MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2004

Talba Numru. 32/2003

**Maltacom plc**
**Vs**

**Central Asphalt Ltd**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas ta' Lm148.17 (mija u tmienja u ebghin lira Maltin u sbatax-il centezmu) in konnessjoni ma danni fuq infrastruttura waqt xogholijiet fin-Naxxar f'Jannar 2002.

Bl-ispejjez u bl-interessi kontra s-socjeta' konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici lil konvenut biex iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment is-socjeta' konvenuta fil-15 ta' Jannar 2003 naqas u ma dehrx meta gew ipprezentati fis-27 ta' Jannar 2004 l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------